

22004D0013

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/65

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 13/2004****tas-6 ta' Frar 2004****li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 (¹).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2003 tat-3 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunislii dwar statistiċi ta' trasport ferroviali (²) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tkun applikata għall-Islanda,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jinżdied fil-punt 7 (Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim:

“, kif emendat bi:

- **32003 R 1192:** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2003 tat-3 ta' Lulju 2003 (ĠU L 167, ta' 1-4.7.2003, p. 13)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (KE) Nru 1192/2003 fil-lingwa Norveġiża, li għandu jkun ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifikasi kollha skond l-Artikolu 103(1) mal-Ftehim ikunu ntgħamlu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-TaqSIMA taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmulu fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

P. WESTERLUND

⁽¹⁾ ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 167, ta' 4.7.2003, p. 13.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.